TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 143/17-F

**Mary Grace DeRaffaele**

**vs**

**Digitalzone**

Illum 25 ta' Jannar, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-25 t'Awwissu, 2017 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' tlett mija, u tmienja u disgħin ewro (€398), rappreżentanti prezz ta' televixin li kellu l-ħsara fil-perjodu tal-garanzija.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat televixin mingħand id-ditta ntimata pero' wara ftit kellu problema fl-HDM1, għax it-tifel kien iqabbad il-playstation.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi kienet infurmat lir-rikorrenti li dan l-HDM1 ma jistax jiġi rranġat għax jiswa ħafna flus, u mhux kopert bil-garanzija. Wara ftit, it-televixin ċaqalquh, pero' jirriżulta li kien hemm problema oħra fit-televixin, illi jidher li kellu xi krakjatura minn wara u beda jiġi bil-linji, fejn is-soċjeta' ntimata qalet li dan huwa tort tar-rikorrenti għax huma jirreppjawh meta jieħduh għat-tiswija.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi r-rikorrenti kienet aċċettat l-ispjegazzjoni tas-soċjeta' ntimata dwar l-HDM1 u li għalhekk ċaqalquh, pero' għar-rigward it-tieni ħsara, t-Tribunal iktar qed jemmen il-verżjoni tar-rikorrenti, u b'hekk qed jagħtiha raġun.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' mija u disgħin ewro (€190), u b'dan illi t-televixin jiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**